MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 397/2009

**A B**

**-vs-**

**C B f'isimha proprju u kif ukoll in rapprezentanza u fl-interess tal-minuri D B E nominata b'digriet tat-18 ta' Mejju 2010; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li permezz tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-esponenti zzewweg lill-intimata C B fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Ottubru, tas-sena 2003, u dan kif jirrizulta mic-certifikat ta' zwieg relattiv illi qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. AM1';

Illi l-esponenti u l-konvenuta martu prezentament ghaddejjin minn proceduri u fil-fatt ilhom separati de facto mit-13 ta’ Awissu 2007;

Illi kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni 3428/2009 u li qed jigi hawn anness, esebit u mmarkat bhala ‘Dok. AM2’, fil-hamsa (5) ta’ Ottubru, 2009, il-konvenuta welldet tarbija ta’ sess maskili bl-isem ta’ D;

Illi b’danakollu, meta l-minuri D, maghruf bil-kunjom B E gie koncepit, l-esponenti A B u l-konvenuta C B ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom bejn it-tlett mitt (300) u l-mija u tmenin (180) jum qabel it-twelid tat-tarbija stante illi kienu mifrudin de facto minn xulxin u kienu qeghdin jghixu separatament minn xulxin wara li z-zwieg taghhom sfaxxa rrimedjabilment snin qabel;

Illi ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti ma jistax ikun il-missier naturali tal-minuri D B E u ghaldaqstant huwa jichad kategorikament il-paternita’ tal-istess tarbija;

Illi, *cio’ nonostante*, peress illi l-imsemmi minuri twieled entru t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, huwa gie registrat mill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid relattiv, bhala wild l-esponenti A B u dan kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat ‘Dok. AM2’;

Illi l-esponenti qieghed minn issa jiddikjara d-disponibilita’ tieghu ghal kwalsiasi testijiet u provi genetici u xjentifici rikjesti mil-Ligi u minn din l-Onorabbli Qorti;

Illi l-fatti hekk dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tal-esponenti.

Ghaldaqstant, l-attur jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara u tiddeciedi li l-esponenti A B m’huwiex missier it-tarbija D B E;

Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmi D B E li jgib in-numru progressiv ta’ registrazzjoni 3428/09 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex isem l-esponenti u l-konnotati tieghu ma jibqghux jidhru fuq l-imsemmi Att taht il-kolonni intestati: “Taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija”, “Professjoni, sengha jew stat iehor”, “Eta’”, “Fejn twieled”, “Fejn joqghod” u “Isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet” u minflok jidhol il-kliem “unknown father” jew “father unknown” jew kull isem jew dettall iehor li tordna din il-Qorti u sabiex il-kliem “the said” jithassru minn quddiem l-isem A B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat li saret id-debita publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha, eccepixxa:

Illi *in limine litis*, galadarba din il-kawza qeghda ssir bejn genitur u minuri hemm il-bzonn li jigi mahtur kuratur *ad litem* kif hekk kif jitolbu l-Artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi preliminarjament ukoll, ir-rikorrenti biex jirnexxi fl-azzjoni tad-*denegata paternita’* irid jipprova u jissodisfa sal-grad rikjest mil-ligi talanqas wahda mill-kontingenzi li hemm imnizzla fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ghajr ghall-premess, f’dak li ghandu x’jaqsam mal-mertu tal-kawza, l-esponent m’huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-atti probatorji u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti. Madanakollu, attiz in-natura partikolari ta’ din l-azzjoni odjerna, l-esponenti jhoss opportun li huwa fl-ahjar interess tal-minuri D B E, li din l-Onorabbli Qorti tuza s-setgha taghha taht l-Artikolu 70 (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta billi tistieden lill-partijiet

involuti f'dawn il-proceduri sabiex joqoghdu ghall-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz;

Illi subordinatament, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna li jigu mnehhija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taht il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 3428/2009;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata ta' C B, li in forza taghha, eccepiet:

Illi hija taqbel mal-ewwel talba tar-rikorrenti u dan kif sejjer jigi ppruvat bid-dokumentazzjoni li hija qieghda tesebixxi ma' din ir-risposta mahlufa taghha, kif ukoll bix-xhieda indikata.

Hija taqbel ukoll in parte mat-tieni talba tar-rikorrenti u dan fis-sens illi jitnehha isem ir-rikorrenti minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri D, u minflok, ghandu jidhol isem il-missier biologiku tieghu u cioe' F G.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti rnexxielu jipprova dak li allega sal-grad rikjest mil-ligi, partikolarment permezz tal-ezamijiet xjentifici konfermati bil-gurament mill-Ispizjara Marisa Cassar u t-tekniku Paul Sultana, li kkonfermaw li l-missier huwa F G.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi A B huwiex missier it-tarbija D li twieldet fil-5 ta’ Ottubru 2009;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex fl-Att tat-Twelid Nru. 3428 tal-2009, fil-kolonna bit-taghrif dwar il-missier jithassru l-konnotati ta’ A B u jitnizzlu minflok il-konnotati ta’ F G Nru. tal-Karta tal-Identita’ 90965(M), tal-eta’ ta’ 44 sena, imwieled Qormi u residenti San Pawl il-Bahar, bin H G, haj. Mill-kolonna bit-taghrif dwar l-omm ghandhom jithassru l-kliem “the said”.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn C B.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------